**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 528 tas-6 ta' Diċembru 2021 dwar żgwidar tal-Kamra f'risposti għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta 527 tal-1 ta' Diċembru 2021, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Ryan Callus qajjem ilment kif ġej, u nikkwota:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, xtaqt niġbidlek l-attenzjoni għal artiklu li deher ftit sigħat ilu f'*theshiftnews.com* intitolat "*Minister withholds information from Parliament on MGA direct orders*". Dan l-artiklu jittratta domanda parlamentari li għamilt matul dan ix-xahar u li ġiet imwieġba fit-22 ta' Novembru li għadda, bin-numru 23317. Fiha tlabt lill-Ministru responsabbli Silvio Schembri biex jagħti lil din il-Kamra lista komprensiva ta' *direct orders* mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda.
>
> L-istorja li dehret f'*theshiftnews.com* – issa ngħaddilek kopja, Sur President – tgħid li għandha evidenza li numru ta' *direct orders*, fosthom konsulenza ta' €5,000 fix-xahar, ma ġewx inklużi fir-risposta li ta l-Ministru jew li l-MGA tat lill-Ministru. Jien għalija din hija żlealtà lejn il-Kamra u żlealtà lejn il-poplu għax qegħdin naħbu kif u lil min qed nagħtu l-flus tal-poplu tagħna, iktar u iktar għax dawn qed jingħataw b'*direct order*. (Onor. Membri: *Hear, hear*)
>
> Għaldaqstant, Sur President, nitolbok tinvestiga dan in-nuqqas u tagħti *ruling* għax din hija materja gravi. Għax issa mhux mhumiex jirrispondu d-domandi, imma qed ikunu qarrieqa fil-mod kif id-domandi jiġu risposti."

Is-Sedja rat il-Mistoqsija Parlamentari 23317 li għamel l-Onor. Callus lill-Ministru għall-Ekonomija u Industrija, l-Onor. Silvio Schembri, fis-17 ta' Novembru 2021, u nikkwota:

> "Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 23245 u jagħti lista tad-*direct orders* kollha li tat il-Malta Gaming Authority minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm kien l-ammont, lil min, id-data u l-iskop tas-servizz jew prodott?"

Is-Sedja tinnota li l-mistoqsija ġiet imwieġba permezz ta' tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra (PL 7339) fis-seduta 522 tat-22 ta' Novembru 2021 li turi tagħrif dwar direct orders mogħtija mill Malta Gaming Authority fil-perjodu bejn l-2013 u l-2021.

Is-Sedja rat ukoll l-artiklu mgħoddi lilha mill-Onor. Ryan Callus li deher f'theshitnews.com ilbieraħ bl-isem 'Minister withholds information from Parliament on MGA direct orders'.

Is-Sedja tibda billi tagħraf il-pożizzjoni kif espressa minnha u minn Speakers preċedenti diversi drabi, u dan illi taħt l-Ordnijiet Permanenti ma għandha l-ebda mansjoni illi tissindika risposta ta' Ministru. Min-naħa l-oħra, f'każijiet bħal dawn is-Sedja dejjem ħasset li kellha tara jekk ir-risposta li jkun ta l-Ministru, f'dan il-każ il-Ministru Silvio Schembri, hijiex informazzjoni skorretta u mogħtija bil-għan u l-ħsieb li jqarraq lill-Kamra, liema att jammonta għal nuqqas ta' qima lill-istess awtorità tal-Kamra. Hawn tagħmel referenza, pereżempju, għar-*ruling* mogħti fis-seduta 339 tat-3 ta' Ġunju 2020, li wkoll jelenka diversi rulings preċedenti li kienu bbażati fuq din il-premessa.

Madankollu, is-Sedja tqis ilment dwar żgwidar tal-Kamra bħala materja ta' importanza għall-ħidma effettiva ta' dan il-Parlament, u għalhekk talbet lill-Onor. Silvio Schembri sabiex fid-dawl ta' dak li ġie rrappurtat fl-artiklu inkwistjoni ta' theshiftnews.com jirriżultalux li t-tweġiba setgħet ma kinitx kompluta, u f'dak il-każ jinforma lil din il-Kamra jekk għandux xi korrezzjonijiet x'jagħmel jew xi informazzjoni xi jżid mar-risposta li huwa ta għall-Mistoqsija Parlamentari.

Mill-kjarifika li talbet is-Sedja mill-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija jirriżultalha illi informazzjoni li saret referenza għaliha fl-artiklu li ppreżenta l-Onor. Callus ingħatat bi tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 4301 imwieġba fis-Seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (hawn annessa) u allura din l-informazzjoni tidher li diġà qiegħda quddiem il-Kamra. Mill-istess kjarifika mogħtija mill-Ministru, is-Sedja tifhem ukoll li l-informazzjoni li ntalbet fil-mistoqsija kienet differenti minn dik mitluba minn Shift News taħt il-Freedom of Information Act u għaldaqstant kienet din ir-raġuni li l-mistoqsija ġiet imwieġba b'dak il-mod. Is-Sedja tifhem illi ladarba kien hemm din il-kjarifika, allura, fiċ-ċirkostanzi, ma tarax li kien hemm l-intenzjoni li l-Kamra tiġi żgwidata mill-istess Ministru.

**Leġiżlatura**
XIII
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
4301
**Data:**
15/02/2018
**Seduta:**
145 - 17/10/2018 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Uffiċċju tal-Prim Ministru – Konsulenti ngaġġati – ismijiet u ħlasijiet

**L-Onorevoli JASON AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli JOSEPH MUSCAT (Prim Ministru):**
Jista' l-Prim Ministru jelenka l-ismijiet u l-ħlasijiet rispettivi ta' kull konsulent ingaġġat minn kull entità li għaliha hu responsabbli?

**Tweġiba:**
Qed inpoġġi t-tagħrif fuq il-Mejda tal-Kamra.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:** **PQ 4301.pdf**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 17/10/2018 04:45:15 PM - PQ ID BEEAED838091CEDAC125823500336BF5

PQ 4301

| Entita' | Isem | Ħlas Rispettiv €(bla VAT) | Deskrizzjoni tax-xogħol |
|---|---|---|---|
| MGA | Joelene Pace Ciscaldi | €1,350.0 | Legal Advices |
| MFSA | Sir Edward Garnier | €51,017.4 | Legal Consultancy |
| MFSA | Dr Dorianne Mifsud | €10,468.0 | Legal Consultancy |
| MFSA | Mr Giovanni Cucinotta | €5,300.8 | Review on FSAP -IMF Assessment Matters (Insurance Sector) |
| MFSA | Mr Piero Ugolini | €13,160.6 | Review on FSAP -IOSCO Assessment Matters |
| MFSA | Dr Kris Borg | €4,231.0 | Authority Legal Consultant |
| MFSA | Dr Paula Cauchi | No payment yet | Public Relations and Communications Services |
| Register of Companies | Dr Cory Greenland | €800.0 | Industrial Relations legal consultancy |
| MITA | Araon Mifsud Bonnici | €9,731.0 | Company Secretary and Legal Services |
| MITA | Philip Farrugia | €1,548.0 | Consultancy Services To MITA Executive Chairman |
| MGA | David Borg | €2,500 kull xahar | Consultant to the Executive Chairman |
| MGA | Dr Cory Greenland | €300 kull xahar | Industrial Relations and HR Advise |
| MGA | Vincent Marmara | €4250 kull xahar | Information management and data analytics |
| MGA | Adrian Hillman | €4,000 kull xahar | Strategic Public Relations and Communications Strategy |
| Identity Malta Agency | Dr.Dustin Camilleri | €9,571.2 | Advisor - Legal Unit (Expatriates Affairs) |
| Identity Malta Agency | Ray Cassar | €29,629.0 | Advisor - HR and Personnel Development |
| Identity Malta Agency | Edwin Ebejer | €23,779.5 | Advisor - Administration & Finance Unit |
| Identity Malta Agency | Dr. Neil Harrison | €26,881.8 | Advisor - Legal Unit |
| Identity Malta Agency | Joseph Mizzi | €20,676.4 | Advisor to the Chief Executive Officer |
| Identity Malta Agency | Dr. Edward Zammit Lewis | €17,200.0 | Legal Consultancy Service on IMA reform |
| Malta Individual Investor Programme Agency | Prof. Dimitri Kochenov | €9,051.7 | Services in relation with Citizenship Acquisition |
| Malta Digital innovation Authority | Dr Joshua Ellul | €6,826.7 | Assisting in the drafting of Guidelines and Procedures for ITA and their Service Providers |